MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-22 ta' Awwissu, 2012

Numru 851/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Said Sarreo)**

**vs.**

**Stephen Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Stephen Vella ta’ 39 sena, iben Saviour u Theresa nee’ Bartolo, mwieled Birgu fis-16 ta’ Settembru 1972, residenti 13 Triq La Vallette, Birgu, ID 477472 (M).

Akkuzat talli fit-18 ta’ Awissu 2012 u fil-granet ta’ wara gewwa dawn il-Gzejjer, xjentement xtara jew laqa’ ghandu oggett misruq u cioe laptop tad-ditta Apple li l-valur tieghu jeccedi l-2329.37 Euro, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat jew jekk dan ser b’Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b’kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom

jew imexxiehom u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti  kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti.

Wara li rat li l-imputat rregistra ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet kkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni, u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga jikkonsidra t-twegiba tieghu u  jerga lura minnha;

Wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkonsidrat:

Illi mill-provi migjuba u  mill-ammissjoni ta’ l-imputat stess, il-Qorti ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, il-fatt li huwa kkopera mal-pulizija, li l-fedina penali tieghu hija relattivament netta u li ghalkemm l-imputat mhux ta’ eta kbira, huwa ma jahdimx.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat  l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, izda  fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, u b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta il-Qorti qed tqieghed lil hati taht Ordni ta’ Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-Ordni ta’ Probation hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali ta’ din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ Probation jew jekk jonqos illi jsegwi xi wahda mill-ordnijiet

stipulati fl-Ordni tal-Probation, u l-hati esprima r-rieda tieghu li jikkonforma mal-htigijiet ta' din l-Ordni.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

Tordna li l-atti jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------